# Minuti

## Seduta Nru. 36/2013

Data: Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Rudolph Cini – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Kors tal-Krafts;
6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
8. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 36/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 36/2013**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 35/2013 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija, ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti Mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li rigward il-problema tat-traffiku fejn is-St Martins College, ser tiċekkja ma' Transport Malta sabiex tara x'jista' jsir. Is-Sur Zahra qal li għandha ssir devjazzjoni tat-traffiku billi tinfetah Triq Indri Grima li tagħti għall-triq Mons Innoċenti Zammit u b'hekk jintnaqqas it-traffiku fi Triq is-Swatar. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta.

*Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.*

**3.2** **Fuq Punt 3.2 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-gate ġiet tajba skont kif xtaq il-Kumitat u ser tara jekk ir-residenti li jifrekwentaw il-bandli humiex sodisfatti biha sabiex b'hekk ikun jista' jitħallas is-*supplier*. Il-Kumitat qabel.

*Gate, Nett u bandla fil-Bandli tas-Swatar*

3.2.1 Dwar in-nett ta' wara l-lasta, ċ-*Chairperson* qalet li hija mqatta u jrid isir xi ħaġa. Talbet lill-Kumitat sabiex imur jara din in-nett u jagħti l-opinjoni tiegħu ħalli filkaż jiġi avviċinat il-kuntrattur.

3.2.2 Dwar il-bandla, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkomumika lill-Kumitat li kien hemm bandla mkissra u l-Kunsill tal-Imsida kellu jbiddilha b'urġenza minħabba l-periklu tagħha. Barra minn hekk hemm il-bandla l-oħra li għalkemm mhix imkissra, qegħdha fi stat ħażin u hemm bżonn li tinbidel ukoll. Il-Kumitat qabel unanimament li jinbidlu ż-żewġ bandli.

**3.3** **Fuq Punt 4.3 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-ittri mhux ser jitqassmu fis-Swatar kollu. Fin-naħa tal-Imsida ser titqassam filwaqt li fin-naħa ta' Birkirkara mhux ser titqassam minħabba li ser isir traffic management ieħor f'Birkirkara kollu u ser jiġi nvolut is-Swatar ukoll. Il-Perit ser jagħmel dan l-istudju. Wara li jitlesta dan l-istudju, il-Kumitat ser ilaqqa' lir-residenti ta' dawk it-toroq li ser jiġu affettwati sabiex jieħu l-opinjoni tagħhom.

*Ittra lir-Residenti dwar Traffic Management.*

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kienx hemm korispondenza x'tinqara.

## 5. Kors tal-Krafts

**5.1** Iċ-*Chairperson* qalet li ser tagħmel laqgħa mal-persuna li ser tgħallem dan il-kors sabiex jiġi miftihem magħha f'hiex ser jikkonsistu dawn il-korsijiet u biex tiġi fformulata l-formola u l-flyer. Wara tinforma l-Kumitat.

## 6. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**6.1** Is-Sur Zahra issuġġerixxa li titiwaħħal il-kelma Swatar kbira fid-daħla tas-Swatar bħalma hemm dik ta' Fluer de lys. Il-Kumitat qabel. *Kelma Swatar*

**6.2** Is-Sur Zahra qal li l-parkeġġ li sar fis-Sisla hija ideja tajba u l-Kumitat għandu japplika għal permessi kollha meħtieġa biex jitkompla l-proġett għax ittaffiet mhux ħażin il-problema tal-parkeġġi. Iċ-*Chairperson* qalet li l-unika soluzzjoni li hemm hu li jsir dak il-proġett li kien ippjanat li jsir fil-bidu nett. *Proġett tas-Sisla*

**6.3** Is-Sa Spiteri qalet li quddiem ir-rump around hemm arblu li mhemm xejn miegħu u għandu jitneħħa. Il-Kumitat qabel. *Arblu biex jitneħħa*

## 7. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**7.1** Iċ-*Chairperson* qalet li ser ikun hemm ġimgħa attivitajiet għall-festa tal-Imsida. *Ativitajiet fl-Imsida*

**7.2** Iċ-*Chairperson* qalet li l-*long life learning* hija inizjattiva tajba u ser tipprova li jsir xi ħaġa s-Swatar. Ser tipprova titlob l-iskola ta' Paris biex jgħinuha torganizza. *Long life Learning*

## 8. Għeluq u Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.1** | *Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.1** | *Korsijiet tal-Crafts* | *Chairperson* |
| **6.1** | *Kelma Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.3** | *Arblu biex jitneħħa* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.2** | *Long life learning* | *Chairperson* |